MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 44

4 ta` Jannar 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u ghoxrin ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 44.1 Qari tal-ittri ta` Apologija

Ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 41(07) u Numru 42(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

Punti mqajma mill-Minuti

44.2.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li nhar it-18 ta` Jannar 2018 ghandu laqgha mall-Prim Ministru, fejn gie mistieden sabiex jigu diskussi issues relatati mall-lokalita. Is-Sindku zied jghid li ghal din il-laqgha ser jipprepara l-punti kollha li l-Kunsill tant ilu jirraporta dwarhom ghal diversi xhur fosthom is-sitwazzjoni ta` toroq u l-progett tal-Collachio. *(Minuti 41 (07) 41.2.1)*

44.2.2 Is-Sindku propona li ssir laqgha mas-Sur Mark Causon dwar il-progetti tal-EU li bhalissa ghandu l-Kunsill sabiex jigu kklarifikati xi punti pendenti. *(Minuti 41(07) 41.2.5)*

44.2.3 Is-Sindku spjega li sa issa l-Grand Harbour Marina ma hadet l-ebda azzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-dawl fi Triq l-Assedju l-Kbir (Vittoriosa Waterfront) *(Minuti 41(07) 41.2.8)*

44.2.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ghall-konferenza tas-Solida li saret f`Erdut gewwa l-Kroazja li ghaliha attendew s-Sindku flimkien ma` JC Azzopardi spejga li s-Sur Azzopardi ghamel il-prezentazzjoni tieghu li kienet wahda tajba. Is-Sur Boxall zied jghid li fuq il-konferenza li ser issir Malta u nforma lill-Kunsillier Anton Gellel b`dak li diga gie preparat. *(Minuti 44 (07) 41.2.12)*

44.2.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-inawgurazzjoni tal-bust ta` Dun Guzepp ser ssir fil-31 ta` Jannar 2018. Is-Sur Boxall kompla spjega li l-irhama ta` taht il-bust kwazi lesta. L-attivita ser ssir Couvre Porte u ser ssir bibita zghira u ser jigi mistieden quartet ghal matul din l-istess attivita.

**44.3 Staff Meeting**

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir staff meeting bil-prezenza tal-Kunsilliera. Barra minn hekk is-Sindku nforma lil dawk prezenti dwar il-hinijiet tal-istaff tal-ufficjju li qed jigi kkunsidrat li jigu mibdula. Dwar dan ma kienx hemm decizjoni.

**44.4 Rendikont tal-Party tal-Milied ta` tfal**

Dan l-item ma giex diskuss.

**44.5 Il-Qaghda Finanzjarja tal-Kunsill (Rapport Finanzjarju ta` kull kwart Jannar – Settembru 2017)**

Is-Sur Laurence Manicaro, l-accountant tal-Kunsill spejga rapport finanzjarju sa` Settembru 2017, fejn spjega li l-Kunsill matul dawn id-disa` xhur tas-sena ghamel progress b`surplus ta` €48,062. Is-Sur Manicaro zied jghid li l-kapital negattiv tal-hidma tal-Kunsill Lokali naqas konsiderevolment. L-Indikatur tas-sitwazzjoni finanzjarja sat-30 ta` Settembru 2017 jammonta għal 2% fin-negattiv. Is-Sur Manicaro zied jghid li dan juri pjuttost titjib mill-FSI tal-31 ta` Diċembru 2016 li kien ta` 24% Euro fin-negattiv. Is-Sur Manicaro zied jghid li jekk l-attività tal-Kunsill Lokali fl-2018 tkun dik bhal tal-2017, il-Kunsill ikun jista jirrapporta FSI pożittiv u jilħaq il-punt ta' referenza ta '10%.

**44.6 Sistema ta` Punch Clock u tabib tax-xoghol**

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-punch clock ser jigi installat fil-granet li gejjin u li ser jibda jintuza minn l-istaff klerikali u anke mill-haddiema tal-Community Workers Scheme. Rigward it-tabib tax-xoghol il-Kunsill qabel unanimament li dan jibda jintbghat lill-impjegati.

**44.7 Leave tal-impjegati tal-Kunsill**

Is-Sindku propona li l-staff klerikali kollu jrid ihalli biss hames t`ijiem minn Ottubru sa` Dicembru. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u s-Sur Boxall talab

lis-Segretarju sabiex tlesti ittra sabiex din tinghata lill-impjegati kollha dwar din id-decizjoni.

**44.8 Korrispondenza**

Dan l-item ma lehaqx gie diskuss.

**44.9 Komunikazzjoni mis-Sindku**

44.9.1 is-Sindku nforma lil dawk prezenti li nhar il-Hamis 11 ta` Jannar fis-saghtejn ta` wara nofsinhar ser issir laqgha mar-rapprezentanti tal-LESA dwar il-cameras tal-pjazza, sabiex jattendu ghal din il-laqgha.

**44.10 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

44.10.1 Is-Sur Trevor Mizzi qal li fi Triq San Anton qed jinhareg iz-zibel fil-hinijiet ta` filghaxija.

44.10.2 Is-Sur Trevor Mizzi staqsa jekk vanijiet kummercjali jisghtux jipparkjaw fl-un/loading bays wara l-hinijiet stipulati mit-tabella.

**44.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti**

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3907 sa` BOV 3963 fejn cekkijiet BOV 3916 U 3918 gew ikkancellati u cekkijiet numru HSBC 9664 sa` HSBC 9668. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 1 ta` Dicembru 2017 sa` 4 ta` Jannar 2018.

**44.12 Tmien tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8:00pm). Il-seduta tal-laqgha li jmis giet aggornata ghat-Tnejn 8 ta` Jannar fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati llum it-Tnejn 5 ta` Frar 2018.

**IFFIRMATA**
John Boxall
Sindku

**IFFIRMATA**
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv